

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2008/0167(CNS)

29.10.2008

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2182/2004 dwar midalji u tokens simili għall-muniti tal-euro (COM(2008)0514 VOL. I – C6-0332/2008 – 2008/0167(CNS))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Eoin Ryan

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa **qawwija u korsiva**. Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovrji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	6

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2182/2004 dwar midalji u tokens simili għall-muniti tal-euro (COM(2008)0514 VOL.I – C6-0332/2008 – 2008/0167(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0514 VOL.I),
 - wara li ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0332/2008),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0000/2008),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

B'mod ġenerali, hemm żewġ riskji assoċjati mal-użu frodulent ta' midalji u tokens li jikkupjaw il-muniti reali tal-euro: L-ewwel nett, iċ-ċittadini jistgħu jaħsbu li oġġetti metalliċi għandhom status ta' valuta legali. It-tieni nett, midalji u tokens jistgħu jintużaw b'mod frodulent f'magni li jaħdmu bil-muniti, jekk il-qies u l-proprjetajiet metalliċi tagħhom huma viċin il-muniti tal-euro.

Ir-Regolament 2182/2004, ibbażat fuq l-Artikolu 123(4) tat-Trattat KE, għandhu l-għan li jipproteġi l-muniti tal-euro billi jistipula li fiż-żona tal-euro l-midalji u t-tokens tal-Istati Membri li għandhom karatteristiċi viżwali, qies u proprjetajiet metalliċi li huma simili għall-muniti tal-euro m'għandhomx jinbiegħu, jiġu mmanifatturati, jiġu impurtati jew jitqassmu bi skop ta' bejgħ jew raġunijiet oħra kummerċjali. Ir-Regolament 2183/2004, ibbażat fuq l-Artikolu 308 tat-Trattat KE, jestendi l-applikazzjoni tar-Regolament 2182/2004 għall-Istati Membri li għadhom (sa issa) ma daħħlux l-euro.

Fuq il-bażi tal-esperjenza miġbura waqt l-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill 2182/2004 u 2183/2004, iż-żewġ regolamenti proposti tal-Kunsill jaġġornawhom fl-oqsma li ġejjin:

- It-test huwa emendat biex jikkjarifika d-dispożizzjonijiet protettivi. Is-sinjali speċifiċi li m'għandhomx jiġu riprodotti fuq il-midalji u t-tokens kif murija fuq il-valuta legali tal-muniti tal-euro huma deskritti f'aktar dettall (Artikolu 2,1).
- Il-Kummissjoni hija kompetenti li tiddikjara jekk disinn huwiex simili għal dak li jidher fuq il-muniti tal-euro. Sabiex jitjeb il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, il-Kummissjoni għandha tibbaża l-opinjoni tagħha fuq il-firxa sħiħa tad-dispożizzjonijiet protettivi. Il-kriterji li fuqhom il-Kummissjoni tagħti opinjoni dwar ix-xebh huma kkjarifikati aktar (Artikolu 2,2).
- Fl-aħħar nett, emenda tirrestrinġi l-ħtieġa li jiġi stampat 'Mhux valuta legali' fuq midalji u tokens li għandhom - b'awtorizzazzjoni speċifika mogħtija mill-Kummissjoni - it-terminu 'euro' jew 'ċenteżmu tal-euro' jew is-simbolu tal-euro għall-każijiet fejn midalji u tokens bħal dawn juru valur nominali, għax ir-riskju tal-konfużjoni dwar il-muniti tal-euro jkun akbar (Artikolu 4).

Ir-Rapporteur analizza t-test tar-regolament propost tal-Kunsill u m'għandux oġġezzjonijiet. Huwa għalhekk jipproponi li t-test għandu jkun approvat bla emendi.